


**KONFERENZA DWAR L-ADEŻŻJONI
GĦALL-UNJONI EWROPEA
- IL-KROAZJA -**

**Brussell, 25 ta' Ġunju 2010
(OR. en)**

AD 20/10

LIMITE

CONF-HR 19



DOKUMENT DWAR L-ADEŻŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNITAL-UNJONI EWROPEA
Kapitolu 5: Akkwist pubbliku

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
(Reviżjoni ta' CONF-HR 33/08)

Kapitolu 5: Akkwist pubbliku

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hi bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Kroazja dwar l-Adeżjoni (CONF-HR 2/05), u hi soġġetta għall-prinċipji ta' negozjar endorsjati mill-Konferenza dwar l-Adeżjoni (CONF-HR 5/05), b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa minn parti waħda jew l-oħra dwar kapitolu tan-negozjati ma hija ser tippreġudika bl-ebda mod il-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitolu oħrajn;
- ftehimiet – anki ftehimiet parzjali – milħuqa matul in-negozjati dwar kapitolu li għandhom jiġu eżaminati suċċessivament ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali sakemm ikun ġie stabbilit ftehim globali;

kif ukoll għall-ħtiġiet imsemmija fil-punti 13, 16 u 26 ta' Qafas ta' Innegozjar.

L-UE tissottolinja l-importanza għall-Kroazja li tikkonforma mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni kif ukoll mas-Sħubija għall-Adeżjoni, li jikkostitwixxu elementi bażiċi ta' l-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni.

L-UE thegħġ lill-Kroazja biex tkompli bil-proċess ta' allinjament mal-acquis u bl-implimentazzjoni u l-infurzar tiegħu b'mod effettiv, u b'mod ġenerali biex tiżviluppa, anke qabel l-adeżjoni, linji politiċi u strumenti kemm jista' jkun qrib lejn daww ta' L-UE.

L-UE tinnota li l-Kroazja, fil-pożizzjoni tagħha CONF-HR 26/08, kif emendata bil-pożizzjoni addizzjonali tagħha CONF-HR 13/10, taċċetta l-acquis taħt il-Kapitolu 5, kif kien fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2010, u tiddikjara li hija lesta timplimentah sad-data tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea.

L-UE tinnota li l-Kroazja qed timplimenta b'suċċess l-Istrateġija għall-Iżvilupp tas-Sistema tal-Akkwist Pubbliku fil-Kroazja billi wettqet il-maġġoranza kbira tal-azzjonijiet previsti fil-Pjan ta' Azzjoni ta' akkumpanjament (2008-2009).

Prinċipji ġenerali

L-UE tinnota li l-Kroazja taċċetta u tikkunsidra fil-qafas leġislattiv tagħha l-prinċipji ġenerali li jirriżultaw mit-Trattati u mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej bħal ma huma t-trasparenza, it-trattament ugwali, il-kompetizzjoni ħielsa, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-proporzjonalità.

Għoti ta' kuntratti pubbliċi u ta' konċessjonijiet

L-UE tinnota d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Akkwist Pubbliku kif emendat, fl-1 ta' Jannar 2009, u l-pjan tal-Kroazja li tadotta sa-l-aħħar tal-2011 emendi għall-Att biex tissimplifika l-implimentazzjoni tiegħu u ġġib l-inkonsistenzi li fadal f'konformità mal-acquis. L-UE tilqa' d-dħul fis-seħħ tal-att dwar il-Konċessjonijiet fl-1 ta' Jannar 2009, u l-ordinanza dwar l-istabbiliment u l-ġestjoni tar-reġistru tal-konċessjonijiet fil-15 ta' Jannar 2009, u l-adozzjoni ta' 17 minn 18-il parti tas-settur li jirregolaw il-leġislazzjoni bl-għan li tiġi adottata l-aħħar waħda sat-tieni kwart tal-2010. L-UE tinnota li l-Att dwar Shubji Pubbliċi-Privati ilu fis-seħħ mill-15 ta' Novembru 2008 u li sadanittant il-Kroazja adottat numru ta' dispożizzjonijiet implimentattivi relatati.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, l-UE tikkunsidra li l-Kroazja ssodisfat ir-rekwiżiti tal-ewwel punt ta' referenza stabbilit fil-pożizzjoni komuni tal-UE (CONF-HR 33/08).

L-UE tissottolinja l-ħtieġa li l-Kroazja tadotta u timplimenta l-emendi finali għall-Att dwar l-Akkwist Pubbliku, u li temenda r-regolament dwar l-akkwist pubbliku għal finijiet ta' difiża u sigurtà, sabiex tikkompleta l-allinjament mal-acquis. L-UE tistieden lill-Kroazja tkompli l-ħidma tagħha biex ikun possibbli użu aktar mifrux tal-akkwist elettroniku, biex tkompli l-implimentazzjoni f'waqtha tal-punti li fadal tal-Pjan ta' Azzjoni mġedded u biex tkompli tagħti importanza speċjali lit-tisħiħ u lit-titjib tal-kapaċità amministrattiva meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa tal-leġislazzjoni dwar l-akkwist pubbliku, b'attenzjoni partikolari fuq il-livell reġjonali u dak lokali. L-UE tistieden lill-Kroazja tkompli timplimenta l-linji ta' politika tagħha relatati mal-prevenzjoni tal-korruzzjoni fis-sistema tal-akkwist pubbliku u l-prevenzjoni tal-konflitt ta' interess.

Rimedji

L-UE tieħu nota tal-allinjament mal-acquis li sar sa issa fil-leġislazzjoni rigward il-protezzjoni legali. L-UE tieħu nota tad-dħul fis-seħħ tal-Att il-ġdid dwar il-Kummissjoni tal-Istat għas-Sorveljanza tal-Proċedura tal-Akkwist Pubbliku fit-23 ta' Frar 2010 li jirregola l-kompetenzi tal-Kummissjoni tal-Istat b'mod aktar ċar, itejjeb it-trasparenza tal-proċeduri tal-Kummissjoni tal-Istat u jipprovdi protezzjoni legali aħjar. L-UE tteġġeg lill-Kroazja sabiex tkompli l-ħidma tagħha biex tiżgura l-funzjonament effettiv tas-sistema ta' rimedji.

Tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva

L-UE tieħu nota tal-azzjonijiet imwettqa mill-Kroazja sabiex ittejjeb il-kapaċità amministrattiva fil-livelli kollha, bħar-reklutaġġ addizzjonali u l-organizzazzjoni ta' taħriġ kontinwu għad-Direttorat tas-Sistema tal-Akkwist Pubbliku (fil-Ministeru tal-Ekonomija, ix-Xogħol u l-Intraprendetorija), għad-Dipartiment tal-Konċessjonijiet (fil-Ministeru tal-Finanzi), kif ukoll għall-awtoritajiet kontraenti kif ukoll għal dawk li jifgħu l-offerti. Saru sforzi ta' taħriġ estensiv fil-livelli kollha u dawn huma kontinwi. L-UE tieħu nota tad-disponibbiltà tal-għodod implimentattivi prattiċi fuq il-websajt u bħala parti mit-taħriġ ipprovdiet għodod biex tkun żgurata l-implimentazzjoni adatta tal-politika dwar l-akkwist pubbliku fil-Kroazja. Barra minn dan l-UE tinnota li MELE installa helpline tat-telefon u jorganizza regolarment jiem miftuħin għall-pubbliku fejn jiġu diskussi aspetti dwar l-akkwist pubbliku mal-partijiet interessati kollha. Il-Ministeru tal-Ekonomija, ix-Xogħol u l-Intraprendetorija wettaq attivitajiet ta' monitoraġġ sabiex jipprovwovi l-infurzar tajjeb tal-liġi dwar l-akkwist pubbliku. Dan sar b'mod partikolari permezz ta' attivitajiet ta' prevenzjoni u istruzzjoni bħall-identifikazzjoni ta' irregolaritajiet, billi ngħataw rakkomandazzjonijiet u bi-tnedija ta' proċeduri dwar imġiba ħażina.

L-UE tieħu nota tal-istabbiliment tal-Aġenzija dwar is-Sħubiji Pubbliċi-Privati fil-15 ta' Novembru 2008 u l-persunal adegwat tagħha. L-UE tilqa' l-passi li ttieħdu biex jiġu infurzati l-kapaċitajiet amministrattivi tal-Kummissjoni tal-Istat għas-Sorveljanza tal-Akkwist Pubbliku bħar-reklutaġġ ta' 9 persuni/ impjegati ġodda minn Settembru 2009 li jgħib it-total għal 24 u erba' postijiet ġodda li qed jiġu ppubblikati. L-UE tinnota l-adozzjoni tar-Regolament dwar l-Uffiċċju għall-Akkwist Pubbliku Ċentrali tal-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja, fit-12 ta' Novembru 2009, li jistabbilixxi Korp Ċentrali għax-Xiri tal-Gvern tal-Kroazja, bil-pjan li dan ikun kompletament operattiv fl-2011.

L-UE tieħu nota tal-azzjonijiet li ttieħdu relatati mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-qasam tal-akkwist pubbliku, inkluż iż-żieda tat-trasparenza fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku u s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwarhom, il-monitoraġġ preventiv ta' irregolaritajiet fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku mwettqa mid-Direttorat tas-Sistema tal-Akkwist Pubbliku (Ministeru tal-Ekonomija, ix-Xogħol u l-Intraprendetorija) u l-Ministeru tal-Finanzi (fil-qasam tal-konċessjonijiet), it-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni u l-introduzzjoni ta' artikolu speċifiku għal-liġi tal-akkwist pubbliku dwar il-konflitt ta' interess (5c) u l-artikolu 46 rigward l-esklużjonijiet ta' appaltaturi li jkunu involuti fi prattiċi ta' korruzzjoni.

L-UE tinnota li l-miżuri ta' ripressjoni u l-ħidma tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi kontra l-korruzzjoni, inkluż fil-qasam tal-akkwist pubbliku, huma ttrattati fil-qafas tal-Kapitolu 23: Drittijiet ġudizzjarji u fundamentali. F'dan ir-rigward, l-UE tinnota li l-Kroazja qed twettaq koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-aġenziji biex tiġġieled il-korruzzjoni fis-sistema tal-akkwist pubbliku, b'mod partikolari fil-qafas tal-Kumitat dwar il-Monitoraġġ tal-Implimentazzjoni ppresedut mill-Prim Ministru nnifisha.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, l-UE tikkunsidra li l-Kroazja ssodisfat ir-rekwiżiti tat-tieni u t-tielet punti ta' referenza stabbiliti fil-pożizzjoni komuni tal-UE (CONF-HR 33/08).

L-UE thegġegħ lill-Kroazja biex tkompli bl-isforzi tagħha lejn allinjament sħiħ mal-acquis taħt dan il-kapitolu u biex tkompli ttejjeb il-kapaċitajiet amministrattivi tagħha. B'mod partikolari, l-UE thegġegħ lill-Kroazja timplimenta l-Pjan tal-Azzjoni aġġornat tagħha dwar attivitajiet li għandhom jittwettqu fil-Kapitolu 5 u biex tkompli tirrapporta dwar din l-implimentazzjoni li tkopri l-perijodu sad-data tal-adeżjoni mal-UE. L-UE tinnota li l-kontroll finanzjarju intern huwa stabbilit, iżda li l-kontrolli tal-kwalità tal-istadji differenti tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku jistgħu jissaħħu aktar f'xi entitajiet kontraenti.

L-UE tilqa' l-isforzi ta' taħriġ intensiv li saru u thegġegħ lill-Kroazja biex tkompli f'konformità mal-pjan ta' azzjoni aġġornat. Barra minn hekk, l-UE tissottolinja l-importanza li jiġi żgurat aktar taħriġ u sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-konflitt ta' interess u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. B'mod partikolari, l-UE thegġegħ lill-Kroazja biex tkompli tiżviluppa aktar it-taħriġ li jitttratta l-prevenzjoni tal-korruzzjoni/l-etika/il-konflitt ta' interess fis-sistema tal-akkwist pubbliku fil-livelli kollha. L-UE thegġegħ lill-Kroazja biex tkompli tiżgura l-implimentazzjoni tajba ta' dawk id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Att dwar l-Akkwist Pubbliku relatati mal-konflitt ta' interess.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-UE tikkunsidra li l-Kroazja ssodisfat ir-rekwiżiti meħtieġa kollha stabbiliti fil-pożizzjoni komuni tal-UE (CONF-HR 33/08).

* * *

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, l-UE tinnotta li, f'dan l-istadju, dan il-kapitolu ma jeħtieġx aktar negozjati.

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament ma' u l-implimentazzjoni tal-acquis ser ikompli matul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tagħti attenzjoni partikolari lis-sorveljanza tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmijin hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-kapaċità amministrattiva tal-Kroazja, il-kapaċità tagħha li tikkompleta l-allinjament legali fis-setturi kollha taħt dan il-kapitolu, kif ukoll progress ulterjuri fl-implimentazzjoni. Jinħtieġ li tingħata konsiderazzjoni partikolari għar-rabtiet bejn il-kapitolu preżenti u kapitoli ta' negozjati oħrajn. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġislazzjoni tal-Kroazja mal-acquis u tal-kapaċità implimentattiva tagħha tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negozjati. B'żieda mal-informazzjoni kollha li l-UE tista' teħtieġ għan-negozjati f'dan il-kapitolu u li għandha tkun provduta lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Kroazja biex regolarment ttipprovdi informazzjoni dettaljata bil-miktub lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-acquis.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha msemmijin hawn fuq, l-UE ser terġa' lura għal dan il-kapitolu f'mument opportun, jekk ikun meħtieġ.

Kif iddikjarat fit-taqsimiet rilevanti ta' hawn fuq, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm acquis ġdid bejn il-1 ta' Mejju 2010 u l-konklużjoni tan-negozjati.
